MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 24/2010/1

**Joseph Attard u Louis Attard**

**v.**

**Anthony Attard u Maria Attard**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell ad istanza tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud minn digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, tat-23 ta' April 2010 li bih cahdet it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxa

fuq il-Valur Mizjud biex jigi mehlus milli jidher u jixhed fis-seduta tat-30 ta' April 2010, billi l-Qorti ma ratx x'diffikulta` hemm li hu jaghti l-informazzjoni mitluba mehud in konsiderazzjoni li l-attur hu l-persuna registrata li qieghed jitlob sabiex jaghti prova ta' dak li qieghed jallega huwa stess, dwar pagamenti li hu ghamel, f'kawza civili.

**2.** Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghda tirriproduci *in toto* d-degriet appellat kif jidher hawn taht:

"Il-Qorti,

"Rat ir-risposta prezentata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-21 ta' April 2010.

"Rat id-digriet moghti fit-13 ta' April 2010.

"Rat l-Artikolu 56 tal-Kap. 406.

"**Tichad it-talba** wara li l-Qorti qieset li l-informazzjoni li qeghda tintalab m'hijiex fuq xi terza persuna imma taghrif dwar l-attur Joseph Attard (ID numru 57953G) li ghandu kull dritt li jitlob u jinghata l-informazzjoni li tissemma fid-digriet tat-13 ta' April 2010 u li tirreferi ghall-pendenzi li kellu u ghad ghandu mad-Dipartiment tal-VAT. Id-domandi li ser isiru jirrelataw ghal hlasijiet li saru minn Joseph Attard, avvizi u ittri li ntbaghtu lil Joseph Attard, formoli li setghu ntbaghtu minn Joseph Attard, hlasijiet li ghadhom dovuti minn Joseph Attard u sentenzi li setghu nghataw kontra Joseph Attard. Il-Qorti m'hijiex tara x'diffikulta` hemm li din l-informazzjoni tinghata mehud in konsiderazzjoni li hu l-persuna registrata (Joseph Attard) li qieghed jitlobha sabiex jaghti prova ta' dak li qieghed jallega f'kawza civili."

**Appell tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**3.** Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hassu aggravat bid-digriet surriferit tal-Qorti tal-ewwel grad u interpona appell minnu b'rikors prezentat fit-28 ta' April 2010 u dan billi d-digriet imur kontra d-dettami tal-Kap.

406 dwar is-segretezza ufficjali kif kontemplat fl-Artikolu 56 tal-istess kap.

**4.** Illi l-aggravji tal-appellant huwa s-segwenti:-

1. L-Artikolu 56 tal-Kap. 406 jipprekludi lill-appellant milli jaghti nformazzjoni dwar pagatur hlief f'dawk il-kazijiet fejn din l-informazzjoni tghin fit-twettieq tad-dispozizzjonijiet tal-Att jew kif il-Prim Ministru jista' jordna u certament li tintalab informazzjoni intiza bhala prova f'kawza civili ma tissodisfax id-dettami tal-Artikolu 56.

2. Imkien ma jidher fl-atti tal-kawza in ezami li l-Prim Ministru ezenta kif trid il-ligi lill-appellanti milli jaghti l-informazzjoni mitluba mill-attur.

3. Imkien fl-Artikolu 56 tal-Kap. 406 ma jinghad li persuna ghandha l-poter li ggieghel lill-Kummissarju jizvela l-informazzjoni kunfidenzjali dwarha *in open court* ghaliex il-Prim Ministru biss ghandu dan il-poter.

**Risposta tal-attur appellat.**

**5.** Fl-ewwel lok l-appellat eccepixxa li l-appell huwa rritu u null billi l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud m'ghandux *locus standi* stante illi hu m'huwiex parti f'din il-kawza. Fil-mertu talab li in forza tar-ragunijiet minnu premessi din il-Qorti joghgobha tikkonferma d-digriet tal-ewwel Qorti bl-ispejjez kontra l-appellant.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**6.** L-ewwel pregudizzjali tal-appellat hija li l-appell huwa rritu u null billi l-appellant m'ghandu ebda *locus standi* billi hu m'huwiex parti f'din il-kawza.

**7.** Din il-Qorti, fl-udjenza tat-28 ta' Gunju 2010, staqsiet lid-difensur tal-appellant abbazi ta' liema artikolu fil-ligi huwa kien qed jintavola dan l-appell izda hu ma indika ebda artikolu tal-ligi in sostenn u accetta wkoll li appell tieghu ma kienx wiehed tat-terz.

**8.** F'din il-kawza l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma kienx parti fil-kawza u lanqas ma gie msejjah in kawza jew intervjena, imma kien semplicement tharrek bhala xhud biex igib l-informazzjoni mitluba mill-attur.

**9.** Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza **Vassallo v. Schwej** deciza fid-19 ta' Mejju 1995: "Huwa manifest illi mhux possibili ghal din il-Qorti li tippermetti li kwalsiasi persuna (anke jekk hija Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) tidhol, minn jeddha u minghajr awtorizzazzjoni tal-Qorti, f'xi kawza u tassumi arbitrarjament *locus standi in judicio* – meta dan m'huwiex legittimament konsentit mil-ligi." Ghalhekk, fic-cirkostanzi l-Qorti jkollha tikkonsidra l-appell interpost mill-appellant bhala proceduralment inammissibbli. Jekk il-Kummissarju ried b'xi mod jumpunja d-digriet tat-23 ta' April 2010 dan seta' jaghmlu b'mod iehor, izda certament mhux billi jinterponi "appell" daqs li kieku kien parti fil-kawza.

**10.** Ghal kull buon fini pero` din il-Qorti hi tal-fehma wkoll li l-appellant m'ghandux ragun fil-kontestazzjoni tieghu. L-appellant jikkontendi li hu prekluz mil-ligi milli jaghti nformazzjoni dwar pagatur tat-taxxa hlief f'dawk il-kazijiet fejn din l-informazzjoni tghin fit-twettieq tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 406 u rrefera senjatament ghall-Artikolu 56 (1) u (2) li jispecifikaw il-kazijiet fejn din l-informazzjoni tista' tinghata, u jghid li prova f'kawza civili ma tiffigurax f'wahda minnhom.

**11.** Din il-Qorti tirrileva li l-iskop ta' din il-ligi m'huwiex li jinholoq xi tempju ta' segretezza li hadd ma jista' jidhol fih. L-iskop tal-ligi hu l-protezzjoni tal-pagatur tat-taxxa u s-segretezza tal-informazzjoni moghtija minnhu. F'dan il-kaz hu l-istess *tax payer* li qed jitlob li jinghata informazzjoni mhux dwar xi terza persuna, imma taghrif dwarhu nnifsu, informazzjoni li l-ewwel Qorti ordnat lix-xhud kellu jgib il-Qorti. Din l-informazzjoni tirreferi ghall-pendenzi li l-attur stess ghandu mad-dipartiment u dwar hlasijiet li saru minnu kif ukoll informazzjoni ohra rigwardanti l-istess persuna registrata. Il-principju hu li fl-interess tal-gustizzja kull persuna kompetenti biex tixhed tista' tigi msejha u obligata li taghti l-informazzjoni mehtiega skond kif mitluba

dwar fatti kif tafhom. Hija biss l-eccezzjoni li taghmel restrizzjonijiet b'mod specifiku f'kazijiet li jirrigwardaw is-sigriet professjonali u s-sigriet *ratione officii*. Hija biss interpretazzjoni teleologika li f'dan il-kaz taghmel sens.

**12.** Lanqas ma jista' l-appellant jghid li prova f'kawza civili ma tissodisfax d-dettami tal-Artikolu 56 tal-Kap. 406. Fl-Appell **AB v. CD u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** tal-1 ta' Dicembru 2000, gie deciz il-kuntrarju ta' dak li qed isostni l-appellant. Il-Qorti qalet li sottomissjoni bhal din hija nsostenibbili billi l-appellant qed jippretendi li s-segretezza u l-konfidenzjalita` ufficjali mposta fuqu bil-ligi taghtih immunita` milli jigi prodott bhala xhud fi proceduri fejn id-Dipartiment ma jkunx parti. Il-Qorti sostniet li "Meta tinqala' sitwazzjoni prospettata f'din il-parti tas-subinciz[1], ma jibqax l-ufficjal tad-Dipartiment l-arbitru li jiddetermina jekk ic-cirkostanzi kienux tali li kienu jesigu li jigi mahlul mis-segretezza ufficjali. Din id-decizjoni hi mhollija f'idejn il-Qorti, Tribunal, Bord jew Kumitat ta' Inkjesta li jkun kompetenti biex tiehu konjizzjoni tal-mertu u bhala mizura tar-regolament tal-provi fil-process li jkun qed jigi kondott….. Fil-fehma tal-Qorti allura l-interpretezzjoni li kellha tinghata lil din il-parti tas-subinciz kellha tkun dik li l-aktar tiffavorixxi l-amministrazzjoni tal-gustizzja u l-inqas tillimita u tostakola l-ghoti ta' provi fattwali mehtiega biex din tigi sewwa amministrata b'segretezza professjonali, specjalment f'kazijiet ta' din ix-xorta, [u li] kienet ittendi ghall-protezzjoni tal-interessi tal-individwu u kellha allura tigi ristretta ghall-minimu necessarju biex jigi sodisfatt il-vot tal-ligi". Skond din is-sentenza "mkien mis-sub-inciz 2 tal-Artikolu 45 ma seta' jigi argumentat illi l-kliem 'hlief f'dak il-mod li jista' jkun mehtieg bl-ghan li jitwettqu fis-sehh id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att', kellu jirreferi limitatament u esklussivament ghall-proceduri li fihom id-Dipartiment tal-VAT kien parti". Ghalhekk dan l-aggravju huwa nfondat.

**13.** Kwantu ghas-sottomissjoni l-ohra tal-appellant li l-Artikolu 56 tal-Kap. 406 ma jaghti poter lil ebda persuna li ggieghel lill-Kummissarju jizvela l-informazzjoni

---

[1] L-Artikolu 45(2) tal-Att X11 tal-1994 hu l-istess wiehed dwar is-segretezza.

kunfidenzjali dwarha *in open court,* din il-Qorti tirrileva li f'dan il-kaz, kif diga` nghad, hu l-istess pagatur li jrid u qed jawtorizza lill-Kummissarju li jizvela din l-informazzjoni kunfidenzjali fil-pubbliku u ghalhekk il-Kummissarju m'huwiex se jikser ebda segretezza.

**14.** L-appellant jillanja wkoll li l-Prim Ministru ma ordnax l-kxif tal-informazzjoni rikjesta. Din il-Qorti pero` tirreferi ghar-risposta tal-Prim Ministru mibghuta lil Dottor Ellis in data 11 ta' Mejju 2010 Dok A esebita mar-risposta tal-appellati, fejn hemm miktub li:
"Madankollu nixtieq ninfurmak li l-klient tieghek *jista'* jaghmel talba bil-miktub lill-Kummissarju tal-VAT sabiex jinghata kopji tad-denunzji tal-VAT u tas-CET tieghu nnifsu, kif ukoll informazzjoni mal-kont tieghu nnifsu mad-Dipartiment tal-VAT. Dan ikun **jista' jinghata** lill-klient tieghek personalment".

Jidher ghalhekk li skond din ir-risposta l-informazzjoni li qed jitolbu l-atturi tista' tinghata mid-Dipartiment, u dan kuntrarjament ghal dak li qed isostni l-appellant.

**Decide**

**15.** Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma d-digriet appellat, bl-ispejjez kontra l-appellant. Tordna li l-atti jigu minnufih mibghuta lura lill-ewwel Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------